

Brussell, 16 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12007/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0429 (COD)

JAI 1011
ENFOPOL 271
CRIMORG 163
IXIM 164
DATAPROTECT 241
CYBER 346
COPEN 288
FREMP 254
TELECOM 393
COMPET 970
MI 794
CONSOM 239
DIGIT 205
CODEC 1467

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 393 final
Suġġett:	OPINJONI TAL-KUMMISSJONI skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-proposta għal Regolament TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 393 final.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2026
COM(2026) 393 final

2025/0429 (COD)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzzjonament tal-Unjoni Ewropea,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

**fir-rigward tal-proposta għal Regolament TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE
fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet
interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra
għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online**

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

**fir-rigward tal-proposta għal Regolament TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE
fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet
interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra
għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online**

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 294(7), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-opinjoni tagħha hawn taħt dwar it-tliet emendi proposti mill-Parlament.

2. KUNTEST

Ir-Regolament (UE) 2021/1232 (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament Interim”) introduċa deroga temporanja minn ċerti obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2002/58/KE¹. Dan ippermetta lill-fornituri ta' ċerti servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri, fuq bażi volontarja u soġġett għal salvagwardji stretti, ikomplu jużaw teknoloġiji għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sabiex jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu l-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.

F'Diċembru 2025, il-Kummissjoni adottat proposta għal estensjoni limitata tar-Regolament Interim sat-3 ta' April 2028, bil-ħsieb li tiġi evitata l-inċertezza legali għall-fornituri tas-servizzi u jinżamm qafas legali li jippermetti li l-attivitajiet volontarji għad-detezzjoni, ir-rappurtar u t-tneħħija tal-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom ikomplu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni filwaqt li n-negozjati dwar ir-Regolament fit-tul għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online² (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament fit-tul”) kienu għadhom għaddejjin. Ir-Regolament Interim skada fit-3 ta' April 2026. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-2 ta' Lulju 2026. Il-Kummissjoni adottat il-pożizzjoni tagħha dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fit-3 ta' Lulju 2026.

¹ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, COM/2022/209 final.

3. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni hija maħsuba biss biex testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament Interim, mingħajr ma tbiddel b'xi mod ieħor is-sustanza tiegħu jew is-salvagwardji li pprovda. Il-proposta għandha bħala objettiv li tipprevjeni l-inċertezza legali għall-fornituri tas-servizzi u tiżgura l-kontinwità tal-qafas legali temporanju, li jippermetti lill-fornituri jkomplu, fuq bażi volontarja u soġġett għal kundizzjonijiet stretti, l-attivitajiet biex jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jiġi adottat u applikat ir-Regolament fit-tul.

4. OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT EWROPEW

It-tliet emendi proposti mill-Parlament Ewropew jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament il-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri li għalihom jiġi applikat, ġie applikat jew se jiġi applikat il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.

Il-Kummissjoni tista' tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament li jipprevedi deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE kif emendata mill-Parlament Ewropew fil-vot tiegħu tad-9 ta' Lulju 2026, bħala miżura eċċezzjonali u strettament temporanja ġġustifikata mill-ħtieġa urġenti li terġa' tiġi stabbilita, mingħajr effett retroattiv, iċ-ċertezza legali fil-livell tal-UE għall-attivitajiet volontarji tal-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri biex jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu l-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom. Fid-dawl tad-durata limitata u l-iskop speċifiku tar-Regolament Interim, għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni jibbenefika minn aktar preċiżjoni u ċarezza biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tat-tfal kemm mill-vjolenza sesswali kif ukoll mill-vittimizzazzjoni sekondarja, l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew huma kkunsidrati aċċettabbli u għalhekk il-Kummissjoni tista' tagħti opinjoni pożittiva dwarhom.

Dan il-ftehim huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar in-negożjati li għaddejjin dwar ir-Regolament fit-tul, li jeħtieġ li jipprovdi ċarezza u ċertezza legali fit-tul. Il-Kummissjoni ttenni l-ħtieġa li jintlaħaq ftehim rapidu dwar Regolament fit-tul biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tat-tfal.